

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/149**tal-15 ta' Novembru 2017**

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2016/1238 f'dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti tal-kompożizzjoni u mal-karatteristiċi tal-kwalità tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib li huma eliġibbli għall-intervent pubbliku u għall-għajnuna għall-ħżin privat

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 19(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1238 ⁽²⁾ jistabbilixxi r-rekwiżiti tal-kompożizzjoni u l-karatteristiċi tal-kwalità tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib li huma eliġibbli għall-intervent pubbliku u għall-għajnuna għall-ħżin privat.
- (2) Minħabba li sar titjib tekniku fil-metodoloġija li tintuża għall-analiżi u għall-evalwazzjoni tal-kwalità tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib, u sabiex ir-regoli eżistenti tal-Unjoni marbutin mar-rekwiżiti tal-iġjene jiġu allinjati flimkien, jeħtieġ li jiġu riveduti l-parametri tar-rekwiżiti tal-kompożizzjoni u tal-karatteristiċi tal-kwalità ta' ċerti prodotti tal-ħalib li huma eliġibbli għall-intervent pubbliku u għall-għajnuna għall-ħżin privat, u li dawn jiġu aġġornati.
- (3) Għalhekk jenħtieġ li l-Annessi IV u V tar-Regolament Delegat (UE) 2016/1238 jiġu emendati kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1238 huma emendati kif ġej:

- (a) il-Parti II tal-Anness IV qed tinbidel bit-test mogħti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;
- (b) il-Parti II tal-Anness V qed tinbidel bit-test mogħti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Novembru 2017.

*Għall-Kummissjoni**Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

⁽¹⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.

⁽²⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1238 tat-18 ta' Mejju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-intervent pubbliku u l-għajnuna għall-ħżin privat (ĠUL 206, 30.7.2016, p. 15).

ANNEX I

“PARTI II

Rekwiżiti tal-kompożizzjoni u karatteristiċi tal-kwalità

Il-butir huwa emulsjoni solida, l-aktar tat-tip tal-ilma fiż-żejt, bil-karatteristiċi tal-kompożizzjoni u tal-kwalità li ġejjin:

Parametri	Kontenut u karatteristiċi tal-kwalità
Xaħam	Minimu ta' 82 %
Ilma	Massimu ta' 16 %
Solidi bla xaħam	Massimu ta' 2 %
Aċidità tax-xaħam	Massimu ta' 1,2 mmole għal kull 100 gramma xaħam
Valur tal-perossidu	Massimu ta' 0,3 meq ta' ossiġnu għal kull 1 000 gramma xaħam
Xaħam bla ħalib	Mhux traċċabbli b'analiżi tat-trigliċeridi
Karatteristiċi sensorjali	Mill-anqas erba' minn ħames punti għad-dehra, għat-togħma u għall-konsistenza”

ANNEX II

“PARTI II

Rekwiżiti tal-kompożizzjoni u karatteristiċi tal-kwalità

Parametri	Kontenut u karatteristiċi tal-kwalità
Proteina	Minimu ta' 34,0 % tal-materja niexfa bla xaħam
Xaħam	Massimu ta' 1,00 %
Ilma	Massimu ta' 3,5 %
Aċidità titrabbli f'millilitri ta' soluzzjoni tal-idrossidu tas-sodju deċinormali	Massimu ta' 19,5 ml
Lattat	Massimu ta' 150 mg għal kull 100 gramma
Test tal-fosfatażi	Negattiv, jiġifieri mhux aktar minn 350 mU ta' attività tal-fosfatażi għal kull litru ta' ħalib rikostitwit
Indiċi tal-insolubbiltà	Massimu ta' 0,5 ml (24 °C)
Partiċelli maħruqin	Massimu ta' 15,0 mg, jiġifieri tal-inqas id-diska B
Mikroorganiżmi	Massimu ta' 40 000 CFU għal kull gramma
Xorrox tal-butir ⁽¹⁾	L-ebda traċċa tiegħu ⁽²⁾
Xorrox tat-tames ⁽³⁾	L-ebda traċċa tiegħu
Xorrox aċiduż ⁽³⁾	L-ebda traċċa tiegħu ⁽⁴⁾ jew massimu ta' 150 mg għal kull 100 gramma ⁽⁵⁾
Togħma u riħa	Nodfa
Dehra	Kulur abjad jew li jagħti ftit fl-isfar, mingħajr impuritajiet u partiċelli kkuluriti

⁽¹⁾ 'Xorrox tal-butir' tfisser il-prodott sekondarju tal-manifattura tal-butir li jinkiseb wara li titħawwad il-krema u jinfired ix-xaħam solidu.

⁽²⁾ In-nuqqas ta' xorrox tal-butir jista' jiġi stabbilit jew permezz ta' spezzjoni fuq il-post tal-impjant tal-produzzjoni li titwettaq tal-inqas darba fil-ġimgħa mingħajr avviż minn qabel, jew permezz ta' analiżi fil-laboratorju tal-prodott aħħari li tindika massimu ta' 69,31 mg ta' PEDP għal kull 100 gramma.

⁽³⁾ 'Xorrox' tfisser il-prodott sekondarju tal-manifattura tal-ġobon jew tal-kaseina li jinkiseb permezz tal-azzjoni tal-aċidi, tat-tames u/jew ta' proċessi kimiċi u fiżiċi.

⁽⁴⁾ Meta jitwettqu spezzjonijiet fuq il-post.

⁽⁵⁾ Meta jintuża l-istandard tal-ISO 8069.”